19 ta’ Mejju 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 39**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 18 ta’ Mejju 2010 , Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsilliera Ebejer, il-Kunsillier Borg Myatt. Is-Sindku Kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Il-Vici Sindku Alfred Borg ippressjeda din il-Laqgha.

**Materji Konessi**

Il-Kunsillier Borg Myatt qal li rigward il-preparazzjoni ghall-festi tac-Centinarju kellhom jiltaqghu nhar is-Sibt 15 ta’ Mejju 2010 mal- Kumitat Organizattiv imma thassret. Hu kompla jghid li it-Tnejn17 ta’ Mejju 2010 fit-3.00pm baghtlu messag li ser jiltaqa mal-Kumitat Organizattiv dakinhar hu ma setax jitlaq mix- xoghol minhabba din short notice.

Il-Kunsillier Borg Myatt staqsa jekk ghandniex kwotazzjoni jew stampi tal-Lapida. Is-Segretarju qal li s-sindku ghadu ma ghaddielu xejn.

**2) Korrispondenza**

2.1 – **Rapport Finanzjarju** Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda r-rapport finanzjarju li jaghalaq 31 ta' Dicembru 2010. Il-membri tal-Kunsill iddecidew li f'laqgha ohra ghandu jitla dan ir-rapport u jigi spjegat mill-Accountant tal-kunsill.

2.2 – **Ittra mill-Water Services Corporation** rigward l-arbli tal-festa li gew maghluqin mill-kuntrattur. Il-membri tal-kunsill iddecidew li ghandhom jergghu jsiru toqob tal-Festa fi Triq Hal Luqa u hdejn il-Latrina Pubblika.

2.3 – **Kwotazzjoni min Renell ltd** Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni biex jitnehhew il-konki ta hdejn il-Kunsill ghal prezz ta' 165 euro kull gurnata. Il-Kunsill qabel li jaghtih jumejn cans biex ilestihom.

2.4 – **Ittra mill-ELC** biex jinfurmawna li ser jirrangaw zewg rounabouts dik ta' Sare u dik ta' fejn Moran billi jaghmlula landscaping gdid. Il-kunsillier Dalli issugerixxa li f'wahda minnhom naghmlu mafkar biex meta jigu it-Taljani f' Novembru nifthuh Huwa issugerixxa ukoll li naghmlu kitba komemoratiiva tal-Gemellag li sar fl-erba truf tar- rahal fejn hemm il-board li jindkaw id-dhul f' Paola.

2.5 - **ETC Workers** Ittra mill-ETC biex jinfurmawna li regghu geddew il-kuntratt tal-haddiema assenjati mal-kunsill sa 8 t'Ottubru 2010.

2.6 – **Joe Micallef Travel** baghtilna ittra biex jinfurmana jekk il-Kunsill iridx jaghmel grupp ta' nies u jitla' sqalllija. Il-membri tal-Kunsill ma approvawx.

2.7 – **Ittra minn St Thomas Moore College School** baghtu jinfurmawna bil-*Price day* li ser issir nhar il-Hamis 20 ta' Mejju 2010 biex jattendi xi hadda mill-Kunsill. Il-membri tal-kunsill approvaw li jinxtraw kotba u jmur is-Sindku.

2.8 – **Ittra minn Aldo Darmanin** jixtieq li ssir un/loading Bay jew line isfar fi Triq Bormla minhabba li jkun irrid inizzel xi kaxxi ghal hanut tieghu.

2.9 - **Ittra ta' Sekwestru Minn Fogg Insurance** fuq incident fi Triq Palma biex nhallsu 400 euro lill-Avukat tal-Kunsill biex jkun jista jipprocedi kontrih. Il-Kunsillier Borg Myatt qal li biex twaqqa sekwestru l-ispejjes ma jigux daqshekk. Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna niccekkjaw l-invoice tal-avukat.

2.10 – **Ittra mit-Teacher Lara Vassallo** biex fis-Sajf terga' torganizza korsijiet ghat-Tfal b'xejn ihallsu biss tan-noti. Il-membri tal-kunsill approvaw li jitkellmu maghha l-kunsillier Dalli u l-Kunsilliera Ebejer.

2.11 – **Ittra mil-Green MT** biex jigi iffirmat il-Kuntratt mal-Kunsill tal-gbir ta' skart rriciklat. Il-Kunsilier Dalli qal li l-Kunsill jrid jara x'fih il-Kuntratt qabel ma jigi iffirmat.

2.12 **– Ittra mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni** biex jinfurmawna li l-progett rigward lifelong learning gie sospiz mil-EU ghalissa. Il-kunsillier Dalli qal li bhala kunsill xorta ghandna nkomplu nahdmu fuqha.

2.13 – **Ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** biex ngeddu ghal sena ohra l-Health insurance tal-Kunsiliera ul-haddiema tal-kunsill. Il-Membri tal-kunsill approvaw.

2.14 – **Programm fuq One TV** Il-Kunsillier Dalli qal li semgha li ser jsir programm televiziv fuq Paola u avvicinaw lis-sindku u talbuh 1000 euros. Is-Segretarju qal li kien hawn laqgha bejn il-Kuntrattur Elton Zammit s-Sindku u Stephanie tal-program ID u f' din il-laqgha saru xi talbiet ta' flus lis-Sindku u lill-kuntrattur biex issir dan il-programm.

2.14.1 -Il-Kunsilier Dalli qal li ma jaqbilx ma flus u lanqas ma dan il-programm. Hu qal li il-Partecipazzjoni tal-Kunsill trid tigi approvata mill-Kunsill qabel ma jsir xi haga.

2.15 - **Ittra mill-Kappillan ta' Lourdes** biex issir rampa gdida fejn iz-zuntier. Il-membri tal-kunsill approvaw li jaghtuh il-haddiema tal-habs u l-materjal involut biex issir.

2.16 - **Ittra minn Reno Calleja** biex tissema Triq ghal Inginier Ciniz famuz li jismghu Xu. Il-membri tal-kunsill innotaw din l-item.

2.17 – **Ittra minn Franco Stabile** biex jkun jista jaghmel platform bis-siggijiet u l-mwejjed fuqha f' Telghet Paola quddiem il-hanut kif indikat fil-pjanti anessi. Il-membri tal-Kunsill qablu li ma jsibu l-ebda oggezzjoni sakemm ma jkunx ta' periklu ghat-traffiku.

**3) Tenders**

Is-Segretarju ressaq lista tat-Tenders li ser jaghlqu. Il-Kunsillier Dalli xtaq li nghaddulu kopja tat-Tenders Soft Area, Bulky Refuse u Paola Market biex ma jarahomx kollha f'daqqa u jerghu jitilghu fl-laqgha ohra.

**4) Pagamenti**

Is-Segretarju ressaq lista ta' pagamenti ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-membri tal-kunsill approvaw din il-Lista.

Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00 pm u aggornata ghal 25 ta' Mejju 2010

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ____________ | _________________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |